31978L0549

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Ġunju 1978

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tar-roti tal-vetturi bil-mutur

(78/549/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-ħtiġiet tekniċi li l-vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali għandhom x'jaqsmu *inter alia*, mal-protezzjoni tar-roti tal-vetturi bil-mutur;

Billi dawn il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi hu għalhekk neċessarju li l-Istati Membri kollha jaddottaw l-istess ħtiġiet, jew flimkien ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [3], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 78/547/KEE [4], tiġi ntrodotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tal-ispezzjonijiet imwettqa minn kull wieħed minnhom fuq il-bażi tal-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur fil-kategorija M_1 (kif definit fl-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE) iddisinjata għall-użu fit-triq, li jkollha mill-anqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25 km fis-siegħa.

Artikolu 2

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tar-roti jekk jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati fl-Anness I.

Artikolu 3

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi vettura għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tar-roti jekk jissodisfaw il-ħtiġiet stipulati fl-Anness I.

Artikolu 4

L-emendi neċessarji biex jadattaw id-disposizzjonijiet ta' l-Annessi biex jieħdu kont tal-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifikazzjoni tagħha u imbagħad għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

[1] ĠU Nru Ċ 118, 16.5.1977, p. 29.
[2] ĠU Nru Ċ 114, 11.5.1977, p. 6.
[3] ĠU Nru L 42, 23.2.1970, p. 1.
[4] Ara paġna 39 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva huwa komunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ġunju 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

K. OLESEN

ANNESS I

1. ĦTIĠIET ĠENERALI

1.1. Il-vettura bil-mutur għandha tiġi provduta bi protezzjoni għar-roti (partijiet tal-karozzerija, bil-*mudguards*, eċċ.)

1.2. Il-protezzjoni tar-roti għandhom ikunu dežinjati b'tali mod li jipproteġu nies oħra li jużaw it-triq, sa fejn hu possibbli, kontra ġebel, tajn, silġ, borra u ilma mitfugħ lejhom u li jnaqqsu l-perikli għal dawk li jużawha minħabba kuntatt mar-roti li qed iduru.

2. ĦTIĠIET SPEĊJALI

2.1. Il-protezzjoni tar-roti għandhom ikunu konformi mal-ħtiġiet li ġejjin meta l-vettura qegħdha b'mod li tista taħdem (ara t-taqsima 2.6 ta' l-Anness I mad-Direttiva 70/156/KEE) u r-roti huma f'pożizzjoni dritta 'l quddiem:

2.1.1. Fil-parti furmata minn pjanijiet radjali ta' angolu ta' 30° lejn 'il quddiem u 50° lejn wara taċ-ċentru tar-roti (ara figura 1), il-wisgħa totali (q) tal-protezzjoni tar-roti għandha tkun għall-inqas biżżejjed biex tkopri l-wisgħa totali tat-*tyre* (b) b'kont meħud ta' l-estremi tal-kombinazzjoni tat-*tyre*/rota kif speċifikat mill-manifattur u kif indikat fit-taqsima 5.2 taċ-ċertifikat stipulat fl-Anness II. Fil-każ ta' parità fir-roti, għandu jittieħed kont tal-wisà totali taż-żewġ *tyres* (t).

2.1.1.1. Għall-iskop tad-determinazzjoni tal-wisgħat imsemmija f' 2.1.1, l-ittikkettar (l-immarkar) u d-dekorazzjonijiet, il-*bands* protettivi jew ir-*ribs* ta' protezzjoni fuq l-uċuh tat-*tyre* mhux jittieħedkont tagħhom.

2.1.2. Il-warrani tal-protezzjoni tar-roti m'għandux jispiċċa fuq il-pjan oriżżontali 150 mm fuq l-fus tad-dawrien tar-roti (kif imkejjel fiċ-ċentri tar-roti) u barra minhekk l-intersezzjoni tat-tarf tal-protezzjoni tar-rota ma' dan il-pjan (il-punt A, figura 1) għandha tkun barra l-pjan medjanlonġitudinali tat-*tyre*, jew fil-każ ta' roti pari il-pjan medjan lonġitudinali tat-*tyer* l-aktar fuq barra.

2.1.3. Il-profil u l-post tal-protezzjoni tar-roti għandhom ikunu tali li huma l-aktar viċin possibbli u b'mod partikolari fi ħdan il-parti furmata mill-pjanijiet radjali msemmija f' 2.1.1, għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet li ġejjin:

2.1.3.1. il-protezzjoni - li tinstab fil-pjan wieqaf ta' l-fus tat-*tyre* - ta' fond (p) tat-tarf fuq barra tal-protezzjoni tar-roti, mkejjel fil-pjan wieqaf lonġitudinali li jgħaddi miċ-ċentru tat-tajer, għandujkun mill-inqas 30 mm. Dan il-fond (p) jista' jitnaqqas progressivament għal żero mal-pjanijietradjali speċifikati f' 2.1.1;

2.1.3.2. id-distanza (ċ) bejn it-trufijiet l-aktar baxxi tal-protezzjoni tar-roti u l-fus li jgħaddi miċ-ċentrutar-roti m'għandhomx jaqbżu 2r, b' "r" li jkun ir-radju statiku tat-*tyre*.

2.1.4. Fil-każ ta' vetturi li jkollhom għoli tas-*suspension* aġġustabbli, l-ħtiġiet imsemmija fuq għandhomjintlaħħqu meta l-vettura tkun qiegħda fil-pożizzjoni normali ta' l-użu speċifikata mill-manifattur tal-vettura.

2.2. Il-protezzjoni tar-roti għandha tikkonsisti f'ħafna komponenti, sakemm ma jeżistu ebda toqob bejn jew fi ħdan il-partijiet individwali meta armati.

2.3. Il-protezzjoni tar-roti għandha titqabbad fis-sod. Madanakollu, jistgħu jinqalgħu jew bħala unità jew f'partijiet.

3. L-UŻU TAL-KTAJJEN

3.1. Il-manifattur għandu jiċċertifika li l-vettura hija hekk iddeżinjata li mill-anqas tip wieħed ta' katina tal-borra tista' tiġi wżata fuq mill-anqas wieħed mit-tipi ta' *tyres* approvati għar-roti ta' sewqan ta' dik it-tip ta' vettura. Kombinazzjoni waħda ta' katina/*tyre* tajba għall-vettura għandha tiġi speċifikata mill-manifattur u indikata fis-sezzjoni 5.1 taċ-ċertifikat stipulat fl-Anness II.

4. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT KEE


4.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KEE ta' tip ta' vettura fejn għandhom x'jaqsmu l- protezzjoni tar-roti għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant awtoriżżat tiegħu.

4.2. Għandha jkollha magħha d-dokumenti li ġejjin fi tliet kopji u l-partikolaritajiet li ġejjin:

4.2.1. — deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fejn għandhom x'jaqsmu l-protezzjoni tar-roti; u

4.2.2 — tpinġijiet dettaljati tal-protezzjoni tar-roti li juru l-pożizzjoni tagħhom fuq il-vettura.

4.3. Rappreżentant ta' vettura tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli li jikkonduċi t-testijiet ta'



approvazzjoni.

[1] Id-distanza b hi mkejjla fil-parti ta' fuq tat-tyre.

ANNESS II

MUDELL

(Il-format massimu: A4 (210 x 297 mm)

Isem l-amministrazzjoni

ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' VETTURA FEJN GĦANDHOM X'JAQSMU L-PROTEZZJONI TAR-ROTI

(L-Artikoli 4 (2) u 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom)

In-Nru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE .....

1. L-isem kummerċjali jew *trade mark* tal-vettura .....

.....

2. It-tip ta' vettura .....

3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur .....

.....

.....

4. Meta applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur .....

.....

5. Deskrizzjoni fil-qosor tal-vettura fejn għandhom x'jaqsmu l-protezzjoni tar-roti .....

.....

5.1. Kombinazzjoni katina/*tyre* adatta għat-tip ta' vettura, kif rakkomandata mill-manifattur .....

.....

5.2. Kombinazzjoni *tyre*/rota rakkomandata mill-manifattur .....

6. Id-data li fiha l-vettura kienet sottomessa għall-approvazzjoni tat-tip .....

7. Is-servizz tekniku li jwettaq it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip .....

.....

8. Id-Data tar-rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz .....

9. In-numru tar-rapport tat-test maħruġ minn dak is-servizz .....

10. L-approvazzjoni tat-tip fejn għandhom x'jaqsmu l-protezzjoni tar-roti mogħtija/miċħuda [1]

11. Il-Post .....

[1] Hassar fejn mhux applikabbli

12. Id-Data .....

13. Il-Firma .....

14. Id-dokumenti li ġejjin li jġibu n-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip muri hawn fuq huma annessi ma' dan iċ-ċertifikat: deskrizzjoni dettaljata u skeċċ tal-protezzjoni tar-roti u ta' partijiet ohrajn tal-vettura rilevanti għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva.

15. Rimarki .....